MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Numru 314/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Roger Mahlangu**

**Seduta tal-lum 30 t'April, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Roger Mahlangu ta' 20 sena, iben Somson u Yvonne xebba Ebejer, imwieled Pieta' fid-09 ta' Jannar, 1983 u residenti 'Temba House', Triq it-Tabib J. Zammit, Balzan, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 65483(M);

Talli fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Frar, 2003, gewwa Hal Balzan;

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe’ kontra P.C. 1295 Lawrence Vella waqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi, u dan ai termini tal-artikolu 96(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Ingurja jew heddedt persuni ta’ uhud inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni u cioe’ fuq il-persuna ta’ P.C. 1295 Lawrence Vella u dan ai terminu tal-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

3. Talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittima moghtija lilu min P.C.1295 Lawrence Vella waqt li kien qed d-doveri tieghu jew ma halliehx jew fixklu waqt il-qadi ta’ dmirijietu u dan ai termini tal-artikolu 338(cc) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Volontarjament kiser il-buon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Volontarjament qal kliem oxxen u espessjonijt ta’ dagha u dan ai terminu ta’ l-artikolu 338(bb) u 342 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta’ P.C. 1295 Lawrence Vella kif iccertifika Dr. Miriam Vella M.D. (2417) tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta u dan bi ksur tal-artikolu 221 (1) (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati.

Rat l-artikoli 96(a), 95, 338(u) (dd) (bb), 342 u 221 (1) u (2) Kap 9.

Semghet l-apologija ta’ l-imputat versu PC 1295 Lawrence Vella.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat u tinnota li minkejja li kien inghata l-art p tal-Kap 152, dan ma kien ta’ ebda beneficcju izda minhabba l-eta’ relattivament zghira tieghu, il-Qorti taghmel attentat biex l-imputat jgharraf jirriforma ruhu. Ghalhekk tilliberrah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-lum ai termini ta’ l-art 22 Kap 446.

Il-Qorti fehmet l-obbligi ta’ l-imputat imposti b’din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------